MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Numru 80/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Raphael Agius**
**Bartholomeo Gauci**

**Illum 13 ta' Lulju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raphael Agius, bin Joseph u Theresa mitwielda Borg, imwieled tal-Pieta` fit-02/06/1973, u joqghod "St Joseph Farmhouse", St Paul's Bay limits of Wardija, li ghandu numru tal-karta ta'

l-identita` 954673(M) u Bartholomew Gauci, bin Paul u Mary mitwielda Vella, mwieled tal-Pieta` fit-13/10/1972, u joqghod "Djar in-Nahal", id-Dwejra, limiti tar-Rabat li ghandu numru tal-karta ta' identita` 044972(M) gew akkuzati:

Talli fit-23 ta' Settembru, 2003 wara nofs in-nhar u matul il-jiem precedenti, wettqu xi attivita` jew operazzjoni, jeew ingaggaw f'xi attivita` jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi ta' l-energija, l-ilma u l-minerali minghajr licenzja ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi. U aktar talli wettqu attivita` bhal dik minghajr licenzja jew li agixxew bi ksur tal-artikolu 26(1)(2) tal-Att dwar l-Awtorita` Ta' Malta Dwar ir-Rizorsi (Kapitlu 423).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok PB 3 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija u li hu konsapevoli illi l-imputati issa ottemperaw ruhhom mal-Ligi.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikolu 26(1)(2) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Raphael Agius u Bartholomeo Gauci, fuq ammissjoni, hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija u li hu konsapevoli illi l-imputati issa ottemperaw ruhhom mal-Ligi tikkundanna lill-imsemmija imputati Raphael Agius u Bartholomeo Gauci ghall-piena komplessiva ta' tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm350) multa kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------